Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,244, 31 ta' Mejju, 2002
Taqsima B

A.L. 132 ta' l-2002

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Gwidi tat-Turisti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għat-Turiżmu, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Gwidi tat-Turisti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra-

"Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

"Awtorità", "ġita organizzata", "operatur ta' ġita organizzata" u "gwida tat-turisti" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att;

"dokument ta' identità" tfisser dokument ta' identità maħruġ mill-Awtorità skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

"operatur" tfisser operatur ta' ġita organizzata;

"post desinjat speċjali" tfisser xi wieħed mill-postijiet murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"reġistru ta' gwidi tat-turisti" tfisser ir-reġistru miżmum mill-Awtorità skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

Reġistru ta' persuni kwalifikati bħala gwidi tat-turisti.

3. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru ta' persuni li jkunu kwalifikati biex iservu ta' gwidi tat-turisti. Dak ir-reġistru ikun miftuħ għall-ispezzjon tal-pubbliku.

(2) Kull persuna li, għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità -

(a) tkun għaddiet minn eżami apposta biex tagħmilha ta' gwida tat-turisti; jew

(b) tkun tippossjedi kwalifiki ta' gwida tat-turisti meqjusa bħala ekwivalenti mill-Awtorità,

tkun eliġibbli biex tigi iskritta fl-imsemmi reġistru.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, persuna reġistrata taħt dan ir-regolament titqies li tkun fil-pussess ta' liċenza.

(4) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala gwida tat-turisti għandha ssir lill-Awtorità u għandu jkun fiha dawk id-dettalji, flimkien ma' dawk iċ-ċertifikati jew dokumenti oħra, skond ma jistgħu jiġu mitluba mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(5) Kull min, fil-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ikun liċenzjat bħala gwida tat-turisti mill-Ministru għat-Turiżmu, għandu jkun reġistrat għall-fini ta' dan ir-regolament.

(6) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien titlob lill-gwidi tat-turisti reġistrati biex jattendu għal korsijiet organizzati mill-Awtorità jew minn xi persuna jew istituzzjoni għan-nom ta' l-Awtorità bl-iskop li jkomplu jiżviluppaw l-abbiltà professjonali tagħhom.

(7) Gwidi tat-turisti reġistrati li jonqsu milli jattendu dawk il-korsijiet ikollhom isimhom imħassar mir-Reġistru ta' gwidi tat-turisti.

Liċenza ta' gwidi tat-turisti għal postijiet desinjati speċjali.

4. (1) Ħadd ma' jista' jagħmilha ta' gwida tat-turisti f'postijiet desinjati speċjali sakemm ma jkunx reġistrat skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u jkollu fil-pussess tiegħu liċenza maħruġa mill-Awtorità biex jaġixxi bħala tali.

(2) Persuna tikkwalifika għal-liċenza taħt dan ir-regolament jekk juri għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li fl-eżami li jkun għadda minnu skond ma ħemm fil-paragrafu (a), jew fil-kwalifiki li jkollu taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, huwa jkun ġie eżaminat jew ikun ikkwalifika biex jagħmilha ta' gwida fil-postijiet desinjati speċjali kollha.

(3) Kull min, mal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ikollu liċenza bħala gwida tat-turisti mill-Ministru għat-Turiżmu, ikun meqjus bħala li jkollu liċenza bħala gwida tat-turisti fil-lokalitajiet desinjati speċjali.

(4) Liċenza maħruġa taħt dan ir-regolament tista' jew tkun għar-rigward tal-postijiet desinjati speċjali kollha jew għal xi wieħed jew aktar minnhom.

(5) Liċenza maħruġa taħt dan ir-regolament tkun valida għaż-żmien speċifikat fil-liċenza.

Korsijiet għal gwidi tat-turisti f'postijiet desinjati speċjali.

5. (1) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, torganizza korsijiet, seminars jew attivitajiet oħra, għat-tisħiħ ta' l-edukazzjoni professjonali għal gwidi tat-turisti dwar postijiet desinjati speċjali.

(2) Gwidi tat-turisti li jkollhom liċenza taħt ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jattendu dawk il-korsijiet, seminars jew attivitajiet oħra. Fil-każ li gwida tat-turisti, li jkollu liċenza kif hawn qabel spjegat, jonqos milli jattendi dawk il-korsijiet, seminars jew attivitajiet oħra kif jista' jkun mitlub mill-Awtorità matul xi sena partikolari li fiha jkunu ġew organizzati, il-liċenza ta' dak il-gwida tat-turisti m'għandhiex tiġi mġedda għas-sena li tiġi wara.

Validità ta' liċenza.

6. (1) Liċenza maħruġa taħt ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha l-forma murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandha tkun valida għal perjodu ta' sena li tiskadi fil-31 ta' Diċembru, kemm-il darba perjodu ta' validità differenti ma jkunx ġie stabbilit skond ir-regolament 4(5).

(2) Persuna li tonqos milli ġġedded il-liċenza meta din tiskadi, jitlef id-dritt li jibqa' jkollu liċenza valida.

Dokument ta' identità.

7. (1) L-Awtorità għandha toħroġ dokument ta' identità lil kull gwida tat-turisti reġistrat jew li jkollu liċenza taħt dawn ir-regolamenti. Id-dokument ta' identità għandu jkun fih ritratt tal-gwida tat-turisti u kull informazzjoni oħra li l-Awtorità tista' tqis li tkun neċessarja.

(2) Id-dokument ta' identità għandu jibqa' il-proprjeta' ta' l-Awtorità u għandu jiġi rritornat lill-Awtorità malli dan jintalab, jew mas-sospensjoni jew revoka ta' reġistrazzjoni jew liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Gwida tat-turisti għandu, f'kull waqt, meta jkun qiegħed imexxi jew jikkonduċi ġita organizżata, jilbes id-dokument ta' identità f'post fejn ikun jidher sew.

(4) Kull min jagħmel użu minn dokument ta' identità maħruġ f'isem persuna oħra, jew li jonqos li jirritorna d-dokument ta' identifikazzjoni meta jkun mitlub li jagħmel dan mill-Awtorità, ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Kondizzjonijiet għal ħruġ ta' liċenza.

8. Persuna m' għandhiex tkun reġistrata jew ikollha liċenza bħala gwida tat-turisti, kemm-il darba ma tissodisfax lill-Awtorità li jkollha kondotta tajba u tkun persuna, adatta u idonea biex tagħmilha ta' gwida tat-turisti.

Responsabbiltà ta' gwida tat-turisti.

9. (1) Ikun id-dmir ta' gwida tat-turisti li jmexxi jew jiggwida ġita organizzata b'mod professjonali.

(2) Ġita organizzata għandha tiġi mmexxijja skond itinerarju li jsir mill-operatur. Gwida tat-turisti jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal xi raġuni valida, jbiddel il-programm.

(3) Gwida tat-turisti għandu jakkumpanja l-ġiti organizzati f'kull waqt, ħlief meta jkun hemm xi ħin liberu permess.

Faċilitajiet għal gwidi tat-turisti.

10. (1) L-operaturi għandhom jipprovdu lill-gwidi tat-turisti :-

(a) trasport b'xejn fuq il-vetturi jew id-dgħajsa li tkun qed tintuża biex issir il-ġita organizzata.

(b) ikla b'xejn waqt ġita organizzata ta' ġurnata sħiħa jew allowance li trid tiġi miftiehma meta l-ikla ma tkunx inkluża fil-programm tal-ġurnata sħiħa;

(ċ) dħul b'xejn fil-postijiet ta' interess matul il-ġita organizzata.

(2) L-operaturi għandhom, skond kemm ikun prattiku, jagħmlu arranġamenti biex imorru għal u jieħdu lura gwida tat-turisti fil-viċin tar-residenza tiegħu fil-bidu u fit-tmiem ta' ġita organizzata.

Numru massimu ta' persuni biex ikunu gwidati.

11. (1) Kemm-il darba ma jkollux permess speċjali bil-miktub mill-Awtorità, ebda gwida tat-turisti m'għandu jkollu taħt il-ħarsien tiegħu grupp ta' aktar minn tnejn u ħamsin persuna.

(2) Meta tiġi organizzata ġita permezz ta' *coach*, dgħajsa jew xi vettura oħra :

(a) ikun meħtieg gwida tat-turisti wieħed biss għal kull *coach*, dgħajsa jew vettura oħra; u

(b) ebda gwida tat-turisti ma għandha tkun responsabbli għal aktar minn coach waħda, dgħajsa jew vettura oħra jew għal għadd ta' persuni aktar minn dak permess għal ġita organizzata li tkun qed issir b'dak il-*coach*, dgħajsa jew vettura oħra.

Tul ta' zmien ta' ġita organizzata.

12. Operatur għandu jitlob is-servizz ta' gwida tat-turisti għall-ġiti li ġejjin:-

(a) ġita ta' nofs ta' nhar li ma teċċedix erba' sigħat;

(b) ġita ta' ġurnata li ma teċċedix tmien sigħat (inkluż il-ħin allokat għall-ikel);

(ċ) ġita bil-lejl li ma teċċedix ħames sigħat; jew

(d) ġita minn Malta għal Għawdex, jew viċi-versa, li ma teċċedix disa' sigħat :

Iżda f'ċirkostanzi partikolari, l-operatur u l-gwida tat-turisti jistgħu jiftiehmu li t-tul ta' żmien tal-ġita għandu jvarja minn dak stabbilit hawn qabel.

Tħassir ta' ingaġġ ta' gwida tat-turisti.

13. (1) L-ingaġġ ta' gwida tat-turisti jista' jkun suġġett għal ftehim bil-miktub bejn l-operatur u l-gwida tat-turisti. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu li ġew inklużi fil-ftehim bejn l-operatur u l-gwida tat-turisti sakemm ma jiġix esklużi fl-iskrittura:-

(a) Meta operatur iħassar l-ingaġġ ta' gwida tat-turisti f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa mill-bidu tal-ġita organizzata, l-operatur għandu jħallas lill-gwida tat-turisti, penali ekwivalenti għad-dritt dovut għal dik il-ġita.

(b) (i) Meta gwida tat-turisti ma jkunx jista' jonora l-inkarigu li jkollu u jonqos milli jipprovdi lill-operatur servizz simili ta' gwida tat-turisti kwalifikat u li jkollu liċenza bħala sostitut għall-ġita organizzata, u aktar minnhekk billi jonqos li javża lill-operatur mill-anqas erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-bidu tal-ġita organizzata, il-gwida tat-turisti għandu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(2) ta' dawn ir-regolamenti, iħallas lill-operatur, penali ekwivalenti għad-dritt meħtieġ għal ġita bħal dik.

(ii) Dik il-penali ma għandhiex tkun dovuta jekk il-gwida tat-turisti jonqos milli jonora l-inkarigu tiegħu minħabba raġunijiet ta' mard, sostnut b'ċertifikat mediku li għandu jigi ppreżentat lill-operatur fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mid-data tal-ġita.

Multa.

(2) Gwida tat-turisti li, bla ebda raġuni valida, jonqos milli jonora dmirijietu, ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Bidu u tmiem ta' ġita organizzata.

14. Ġita organizzata għandha titqies li tibda f'dak il-ħin meta l-gwida jkun mitlub li jirraporta biex jibda d-dmirijiet tiegħu u jispiċċa meta l-aħħar passiġġier tħalli l-ġita.

Gwidi tat-turisti li jibqgħu Għawdex minħabba forza maġġuri.

15. (1) Fil-każ li gwida tat-turisti li jkun qed imexxi ġita organizzata minn Malta għal Għawdex jew viċe-versa, jekk il-vjaġġ lura fit-tmiem tal-ġita ma jkunx jista jsir minħabba nuqqas ta' trasport, il-gwida tat-turisti għandu jiġi provdut b'ikel u akkomodazzjoni xierqa għal dak il-lejl. Il-gwida tat-turisti għandu wkoll jingħata ħlas addizzjonali għal dak il-lejl skond kif ikun miftiehem minn qabel bejn il-gwida tat-turisti u l-operatur.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-sub-regolament (1), gwida tat-turisti li jkun ġie ingaġġat għal ġita organizzata fil-ġurnata ta' l-għada, u li minħabba f'li jkun baqa' Għawdex fil-lejl ta' qabel ma jkunx jista' jwettaq x-xogħol tiegħu, għandu immedjetament jinforma lill-operatur involut b'dak li ġara. F'dawk il-każijiet, il-ħlas għat-tħassir kif imsemmi fir-regolament 13, ma jkunx japplika.

Rapport mill-gwida tat-turisti.

16. Gwida tat-turisti għandu, bla ebda ħlas u meta jiġi ħekk mitlub mill-persuna li tingaġġa s-servizzi tiegħu, jippreżenta rapport bil-miktub dettaljat fuq il-ġita organizzata fi żmien ġimgħa mill-ġita, jew f'dak iż-żmien itwal li jista' jiġi miftiehem ma' l-operatur.

Konġura.

17. Meta, filwaqt ta' ġita organizzata, ikun hemm xi ħin liberu raġonevoli, l-ebda gwida tat-turisti ma jista' juri xi preferenza għal xi ħanut tal-bejgħ partikolari, jew jidderiġi t-turisti taħt it-tmexxija tiegħu lejn xi ħanut partikolari.

Ħlas għal ġita organizzata.

18. (1) Il-ħlas li gwida tat-turisti jieħu biex imexxi ġita organizzata għandu jkun miftiehem minn qabel bejn il-gwida tat-turisti u l-operatur jew il-persuna jew aġenzija li tingaġġa lill-gwida tat-turisti imma dak il-ħlas m'għandux ikun inqas mill-ħlas minimu stabbilit mill-Awtorità skond it-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Spejjeż oħra.

(2) (a) Gwida tat-turisti m'għandux imexxi ġita organizzata f'aktar minn żewġ lingwi.

(b) Meta gwida tat-turisti jkun meħtieġ li jmexxi ġita organizzata f'aktar minn lingwa waħda, huwa għandu jiġi mħallas rimunerazzjoni żejda ta' 15% aktar fuq il-ħlas miftiehem għal dik il-lingwa addizzjonali użata matul il-ġita.

(ċ) Meta gwida tat-turisti jkun mitlub imexxi ġita organizzita fil-jiem tal-Ħadd jew festi pubbliċi oħra, huwa għandu jitħallas rimunerazzjoni addizzjonali ta' għaxar liri Maltin fil-każ ta' ġita

ta' ġurnata, ta' lejl, jew ġita għal Għawdex u ħames liri fil-każ ta' ġita ta' nofs ta' nhar.

Sospensjoni jew thassir ta' reġistrazzjoni jew liċenza ta' gwida tat-turisti.

19. (1) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li gwida:

(a) aġixxa b'mod mhux xieraq u skond id-doveri u r-responsabbiltajiet ta' gwida tat-turisti ; jew

(b) aġixxa bi ksur ta' waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti jew li jkun naqas li jagħmel xi ħaġa li jkun mehtieg li jagħmel bl-Att jew b'dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) jkun instab ħati ta' reat taħt l-Att jew taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' xi reat ieħor li fl-opinjoni ta' l-Awtorità tirrendih mhux kapaċi li jkompli jservi ta' gwida jew ikun jirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni ta' gwida,

L-Awtorità tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ -

(i) tissospendi jew thassar ir-reġistrazzjoni magħmula; u

(ii) tissospendi jew tirrevoka l-liċenza maħruġa lil dak il-gwida.

(2) Fil-każ ta' sospensjoni kif hawn qabel imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, dik is-sospensjoni m'għandhiex teċċedi perjodu ta' ħames snin.

(3) Meta r-reġistrazzjoni jew il-liċenza ta' gwida tat-turisti tkun ġiet mħassra jew revokata skond id-dispożizzjonijiet tas-sub-regolament (1) ta' dan ir-regolament, il-gwida tat-turisti m'għandux ikun eliġibbli biex japplika mill-ġdid għar-reġistrazzjoni jew għal liċenza qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' dak it-thassir jew ta' dik ir-revoka.

Ilmenti mill-applikant.

20. (1) Qabel ma tirrifjuta li tagħti jew iġġedded xi reġistrazzjoni jew liċenza jew qabel ma tissospendi jew thassar dik ir-reġistrazzjoni jew liċenza skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant jew lid-detentur tal-liċenza, skond il-każ, bl-intenzjoni tagħha u għandha tagħtih l-opportunità li jressaq l-ilmenti tiegħu.

(2) Jekk l-applikant iħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni ta' l-Awtorità, huwa jista' jippreżenta appell minn dik id-deċiżjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 14(8) tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att, bi ħlas tad-dritt stipulat fir-Regolamenti dwar Ħlas.

Multi u penalitajiet.

21. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 20 ta' dawn ir-regolamenti, persuna li tonqos milli tosserva xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux izjed minn ħames mitt lira.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 45 ta' l-Att għandhom japplikaw għal reati li jkunu kontra dawn ir-regolamenti.

Tħassir ta' l-A.L. 127 ta' l-1989 u riserva.

22. (1) Mingħajr preġudizzju għal xi proċeduri mibdija taħthom, ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Gwidi tat-Turisti, għandhom jitħassru.

(2) Liċenza maħruġa taħt ir-regolamenti li qegħdin jiġu mħassra u li tkun għadha fis-seħħ minnufih qabel dan it-tħassir, għandha tibqa' hekk fis-seħħ wara dik id-data bħallikieku din kienet reġistrazzjoni u liċenza mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA
ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAGGAR U TAT-TURIZMU GĦAL MALTA
(KAP. 409)
Liċenza ta' Gwida tat-Turisti.

Is-Sinjur/a/ina _____

B'dan niċċertifika li l-persuna hawn qabel imsemmija _____

li toqgħod _____ qegħda b'dan tingħata liċenza biex isservi ta' gwida tat-turisti fil-

(a) lingwi li ġejjin:

(b) postijiet desinjati :

skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409).

Din il-liċenza tiskadi fil-31 ta' Diċembru _____.

RITRATT
TA'
DETENTUR

Data: _____ Nru tar-Reġistrazzjoni/Liċenza: _____

Iffirmat: _____
għan-nom ta' l-Awtorità
tat-Turiżmu ta' Malta.

IT-TIENI SKEDA

Postijiet Desinjati Speċjali

Is-Siti Preistoriċi kollha

Il-Mużewijiet u s-Siti ta' Mużewijiet kollha

Il-Postijiet kollha ta' Qima (kemm dawk li jintużaw illum jew li kienu jintużaw qabel)

L-Għar ta' Calypso u d-Dwejra f'Għawdex

Il-Fortifikazzjonijiet kollha ta' kull perjodu (kemm dawk li jintużaw illum jew li kienu jintużaw qabel)

Bliet Imdawwra (ħlief għal mixjiet ġewwa fihom)

Is-Siti ta' Wirt kollha ta' l-UNESCO *

- L-Ipoġew – It-Tempji tal-Ġgantija - Ta' Ħaġrat - Skorba - Ħaġar Qim - L-Imnajdra – It-Tempji ta' Ħal Tarxien - Il-Belt Valletta.

IT-TIELET SKEDA

Ħlas Minimu għal Servizz ta' Gwida tat-Turisti.

Servizz ta' Gwida tat-Turisti	**L-anqas Ħlas**
Ġita ta' Nofs ta' Nhar	Lm 19.50
Ġita ta' Ġurnata	Lm24.50
Ġita għal Għawdex	Lm29.00
Ġita bil-Lejl	Lm19.50
Rata ta' Sahra	Lm2.50 fis-siegha